

*Trade mark jew sinjal invokat:* it-trade mark verbali nazzjonali "IDRIVE" għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 9 u 42

*Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni:* oppożizzjoni milqugħa

*Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:* appell miċħud

*Motivi invokati:* ksur tal-Artikolu 8(1)(b) flimkien mal-Artikolu 43(5) tar-Regolament Nru 207/2009

---

### **Rikors ippreżentat fis-17 ta' Frar 2014 – Unitec Bio vs Il-Kunsill**

**(Kawża T-111/14)**

(2014/C 112/71)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

#### **Partijiet**

*Rikorrenti:* Unitec Bio SA (Buenos Aires, l-Arġentina) (rappreżentanti: J.-F. Bellis u R. Luff, avukati)

*Konvenut:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

#### **Talbiet**

- Tannulla r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1194/2013, tad-19 ta' Novembru 2013, li jimponi dazju antidumping definittiv u li jiġbor definittivament id-dazju provviżorju impost fuq importazzjonijiet tal-bijodiżil li joriġinaw mill-Arġentina u l-Indoneżja (ĠU L 315, p. 2), sa fejn dan jikkonċerna lir-rikorrenti; u
- Tordna lill-konvenut ibati l-ispejjeż.

#### **Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka tliet motivi.

1. L-ewwel motiv, li jallega li l-istituzzjonijiet wettqu żball manifest fl-evalwazzjoni tal-fatti billi kkonkludew li kien hemm distorsjoni tal-prezzijiet tal-fażola tas-soja u taż-żejt tas-soja li tiġġustifika l-applikazzjoni tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 2(5) tar-Regolament Antidumping Bażiku <sup>(1)</sup>.
2. It-tieni motiv, li jallega li t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 2(5) tar-Regolament Antidumping Bażiku, kif interpretat mill-istituzzjonijiet f'din il-kawża, ma jistax jiġi applikat għal importazzjonijiet minn membru tad-WTO peress li huwa inkonsistenti mal-Ftehim Antidumping tad-WTO.
3. It-tielet motiv, li jallega li l-evalwazzjoni tad-dannu tonqos milli tiegħu inkunsiderazzjoni fatturi li jħollu r-rabta kawżali bejn id-dannu allegat u l-importazzjonijiet li huma allegatament is-suġġett ta' dumping bi ksur tal-Artikolu 3(7) tar-Regolament Antidumping Bażiku.

---

<sup>(1)</sup> Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009, tat-30 ta' Novembru 2009, dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea (ĠU L 343, p. 51)

---

### **Rikors ippreżentat fis-17 ta' Frar 2014 – Molinos Río de la Plata vs Il-Kunsill**

**(Kawża T-112/14)**

(2014/C 112/72)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*